**24 ta' April, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**

Francis Coleiro ne.

*versus*

Carmelo Cassar

## DANNI — PREVEDIBILITA TAD-DISGRAZZJA — Art. 1088 Kodiċi Ċivili

*Biex ikun hemm lok għad-danni, jeħtieġ li wieħed setgħa ippreveda d-disgrazzja li kkaġunat d-danni. Il prevedibilita trid tkun ta probabilitajiet raġonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili. Billi jkun hemm kontravenzjoni teknika għar-regolamenti, b'daqshekk mhux neċessarjament ikunn hemm ukoll responsabilita għad-danni ċivili.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur, Francis Coleiro bħala leġittimu rappresentant ta' bintu minuri, Victoria.

Premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija iprovvedimenti kollha opportuni — talab (i) li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni li sofriet bint l-attur. il-fuq imsemmija minuri ta' ħdax-il-sena, imħabba traskuraġini, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenut, fil-ħamsa (5) ta' Ġunju 1962, meta imħabba ħtija ta' l-istess konvenut idha ġiet maqbu-

da fil-makna li tidħan il-lewż fid-dolċerija tal-konvenut (ii) li dawn id-danni jiġu likwidati okkorrendo permezz ta' periti nominandi, u (iii) li l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzonijiet tal-konvenut li biha kkontesta kwalunkwe responsabilita għad-danni pretisi mill-attur nomine għaliex bint l-attur kienet unikament responsabbli għad-danni li sofriet;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-sebgħa (7) ta' Jannar 1964 li biha ċaħdet l-ewwel domanda ta' l-attur nomine bl-ispejjeż, kontra tiegħu u in vista ta' din id-deċiżżjoni iddikjarat li m'hemmx lok għall-eżami tat-tieni u tielet domanda kontenuti fiċ-ċitazzjoni wara li kkunsidrat;

Illi ma hux kontrastat bħala fatt li fil-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1962, bint l-attur, il-minuri Victoria Coleiro, tifla ta' ħdax-il-sena, waqt li kienet fil-forn ġestit mill-konvenut fin-Numru 143, Trieq San Duminku, il-Belt, Valletta, fejn huwa wkoll jagħmel xi dolċerija, f'ċertu ħin daħħlet idha x-xellugija fil-bokka tal-makna, ċioe "mincer" li sservi biex tidħan il-lewż, idha nħatfitilha hemm ġew, u l-"blade" ossija l-parti li taqta tal-makna qatatilha idha x-xellugija barra min-nofs l-avanbraċċjo jew il-polz l-isfel. Dan huwa menomament serju u ma hemmx dubbju li, kieku kien dovut għan-negliġenza tal-konvenut, kif huwa allegat fiċ-ċitazzjoni, kien jista jikkostitwixxi bażi għall-azzjoni ta' danni likwidabili fil-fatt-speċi, skond l-artikolu 1088 Kodiċi Ċivili fit-telf ta' qliegħ li l-imsemmija minuri tbati l-quddiem minħabba inkapaċita permanent parzjali apparti kull dannu ieħor;

Illi pero, il-partijiet ma jaqblux la dwar is-serji ta'

fatti li wasslu għat-telf ta' id ix-xellugija tal-imsemmija minuri u lanqas dwar il-kriterji legali applikabbili għall-każ.

Illi l-perit ġudizzjarju, wara li, bl-assistenza tal-espert mediku, sama x-xiehda prinċipalment ta' l-istess Victoria Coleiro, tal-konvenut, ta' ibnu Emmanuele Cassar, ta' bint il-konvenut Vincenza Cassar, u tat-tifla Giuseppina Zarb (li fuqhom il-Qorti titkellem il-quddiem) u żamm aċċess fuq il-post u eżamina l-makna in kwistjoni, irrelata li fl-opinjoni tiegħu l-attur nomine ma ppruvax li l-konvenut naqas mill-prudenza, diliġenza u attenzjoni tal-**bonus pater familias**, u li l-każ kien dovut għal disgrazzja li għandha tbatiha l-vittima tagħha;

Illi dwar il-fatti x-xhieda prinċipali fuq imsemmija ma jaqblux għall-kollox, konsegwenza mistennija meta l-inċident bħal f'dan il-każ, ikun ġara għall-għarrieda, u l-persuni li kellhom x'jaqsmu mal-każ ma jkunux qagħadu jagħtu attenzjoni speċjali għall-movimenti u l-komportament ta' xulxin, liema konsegwenza tispikka iżjed meta bejn dawk il-persuni jkun hemm ħbiberija u fiduċja, anzi affezzjoni, bħal ma kien hemm f'dan il-każ stante r-relazzjonijiet ta' parentela bejn iż-żewġ familji dik ċioe tal-konvenut u dik taz-zija materna tal-infortunata, li magħha din kienet qegħda tgħaddi xi ġranet fl-epoka tal-inċident;

Illi pero, malgrado dawn id-diskrepanzi fuq il-fatti, il-Qorti hija sodisfatta li hemm biżżejjed fir-risultanzi proċesswali biex l-inċident jiġi rikostruwit b'dan il-mod, jiġifieri:—

a) Fil-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1962, Victoria Coleiro, bint l-attur kienet qegħda l-Belt għand iz-zija materna tagħha. Waħda minn ulied din hija miżżewġa lil bin il-kon-

venut, Emmanuele Cassar, li jaħdem mal-konvenut fil-forn, u li jissemma il-quddiem bħala xhud importanti f'din il-kawża. It-tifla tal-konvenut, Vinċenza Cassar, li wkoll hija xhud importanti, hija, jew almenu kienet sa dak iż-żmien, għarusa lil wieħed mit-tfal l-oħra ta' din iz-zija ta' Victoria Coleiro.

(b) F'ċertu ħin fil-ġurnata msemmija Victoria Coleiro flimkien ma kuġinitha, ta' mpara mill-età, Giuseppina Zarb, tifla oħra ta' l-istess zija tagħha, marret fil-forn tal-konvenut. Ma jirriżultax dak li qalet Victoria Coleiro, ċioe li huma marru fuq invit ta' Emmanuele Cassar. F'din iċ-ċirkostanza hija kontradetta barra mill-istess Emmanuele Cassar u oħtu Vinċenza, minn Giuseppina Zarb, li offriet xiehda ċirkostanzjata u indipendenti u li l-Qorti tagħmel affidament fuqha, anki taħt aspetti oħra li jissemmew il-quddiem. Iż-żewġt itfal marru fil-forn waħedhom, bħal ma kienu jagħmlu s-solitu, bl-approvazzjoni tal-ġenituri tagħhom li kienu jafu li hemmhekk jiġu trattati tajjeb, anzi b'imħabba.

(ċ) Dak il-ħin, fil-forn, kien hemm żgur il-konvenut, ibnu Emmanuele Cassar u bintu Vinċenza Cassar. Milli jidher il-konvenut kien qiegħed f'parti oħra tal-fond adibit bħala forn u għalkemm kien jaf bil-preżenza tat-tifla Victoria Coleiro ma jirrisultax li huwa kien jaf li hija kienet fil-kamra fejn hemm il-makna jew "mincer" in kwistjoni u wisq anqas jirrisulta li huwa personalment qabbadha jew b'xi mod inkorraġġiha biex taħdem fuq din il-makna. Lanqas l-istess Victoria Coleiro fiż-żewġ deposizzjonijiet tagħha, ma taddebitahx b'dan. Kif jidher anki min-nota tal-osservazzjonijiet ta' l-attur l-bażi tal-pretensjoni tiegħu hija li l-konvenut ma ssorveljax lill-bint l-attur la personalment u lanqas permezz taż-żewġ uliedu u li dawna, jew xi

ħadd minnhom, ħallewha taħdem fuq il-makna li tidħan il-lewż, u b'hekk l-attur jakkolla lill-konvenut responsabilità tant diretta kemm indiretta.

(d) Illi kif daħlu fil-forn iż-żewġt itfal Victoria Coleiro u Giuseppina Zarb qabdu jgħinu lil Vinċenza Cassar taqta l-ostji minn xi biskuttini tal-lewż li kienu jinsabu fil-kamra fejn hemm il-makna in kwistjoni (hawn il quddiem imsejjħa "il-kamra tal-makna") iżda wara ċertu ħin Giuseppina Zarb u Vinċenza Cassar marru fil-kamra l-oħra adjaċenti biex jagħmlu l-pasti tal-cocoanuts. Allura Victoria Coleiro kompliet taqla l-ostji waħedha.

(e) Illi hawnhekk tinqala kwistjoni ta' fatt li l-attur jirritieni li hija ta' mportanza għalih ċioe jekk f'dak il-ħin il-makna li ġiebet lok għall-korriment kienetx qegħda taħdem, min kien qabad iħaddimha u jekk fil-presenza u bil-permess ta' dik il-persuna, l-istess Victoria Coleiro bdietx titfa — jew, jekk kienet ġa bdiet, komplietx titfa — il-pasti tal-lewż għad-dħin. Il-Qorti qegħda tuża l-espressjoni "titfa l-pasti tal-lewż" bħala dik li l-iżjed tirrifletti li stat tal-provi, għax anki jekk wieħed jieħu l-għar ipotesi sostanzjabili mil-provi attwali kontra l-konvenut, dak li għamlet Victoria Coleiro fil-presenza ta' Emmanuele Cassar, jew ta' oħtu Vinċenza ma jistax jammonta għal iżjed min hekk; u bejn dan il-fatt fanċjullesk u x-xogħol ta' min jiġi mqabbad jew awtorizzat. jew anki taċitament inkoraġġit, jopera, makkinarju, u "multo magis", makkinarju perikoluż, kif hija l-pretensjoni ta' l-attur, hemm differenza materjali għall-finijiet ta' dil-kawża;

(f) Illi il-Qorti, fuq din il-kwistjoni ta' fatt, tħossha sodisfatta li, qabel ma ġara l-inċident lamentat, kien bin il-konvenut, Emmanuele Cassar, li qabbad il-makna in kwistjoni. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' l-istess Emmanuele

Cassar. Id-differenza bejn ix-xiehda tiegħu u it-teżi konklusjonali ta' l-attur hija li dan Emmanuel Cassar isostni li it-tfifla Victoria Coleiro, f'ebda ħin, fil-presenza tiegħu, ma bdiet jew kompliet titfa il-pasti tal-lewż f'dik il-makna, li hu, meta llarga minn ħdejn dik il-makna, ħalla lit-tifla weħedha fil-kamra taqla l-ostji mil-biskuttini, u li sakemm illarga biex iġib xkupilja ħalli jfarfar il-makna( intervall li huwa jikkalkola bħala mhux iżjed minn tlett minuti) ġara l-infortunju billi, mingħajr ma hu kien jaf minn qabel jew f'xi ħin sar jaf Victoria Coleiro marret titfa il-pasti tal-lewż fil-makna u mbagħad daħħlet idha;

(g) Illi it-tifla Giuseppina Zarb tixħed xi dawl fuq din il-kwistjoni billi tispiega (dak li ma tagħmilx Vinċenza Cassar) li wara li hija u Vinċenza Cassar kienu spiċċaw jagħmlu il-pasti tal-cocoanuts fil-kamra l-oħra huma t-tnejn irritornaw fil-kamra tal-makna (fejn allura hemm Victoria Coleiro) u bdew (hi u Vinċenza) jixħtu il-pasti biex jindaħnu fil-makna li kienet ġiet imqabda minn Emmanuele Casar fil-mument anterjuri meta kienu qed jagħmlu il-cocoanuts. Evidentement meta din Giuseppina Zarb u Victoria Cassar, f'dan it-tielet mument ta' l-attivita tagħhom dik in-nhar (jiġifieri it-tielet in ordni kronoloġiku wara li l-ewwel qagħdu jaqilgħu l-ostji ma Victoria Coleiro. imbagħad lestew il-cocoanuts) bdew jixħtu il-pasti tal-lewż fil-makna jekk Emmanuele Cassar kien hemm fil-bidu ma baqax sa l-aħħar, għax l-istess Giuseppina Zarb tkompli tispjega li meta Emmanuele Cassar għajtilhom biex imorru jġibu il-kaffè (u il-kelma "għajtilna" (fil-book of proper speaking) tindika li hu kien allura ġa llarga mill-kamra tal-makna) hi u Vinċenza Cassar marru ġewwa u "Victoria baqgħet waħedha" u sadattant il-makna kienet għadha mqabbda. Ikompli jirriżulta mix-xhieda ta' Giuseppina Zarb, li l-Qorti, kif intqal iżjed 'il fuq temmen, li meta

hi u *Vinċenza Cassar telqu mill-kamra tal-makna*, *Victoria* Coleiro kienet ġa bdiet tixħed xi pasti u li Vinċenza Cassar ma qaltilha xejn. Minn dan jidher li jekk Victoria Coleiro, kif ma hemmx dubbju, bdiet hi wkoll tixħed xi pasti tal-lewż, dana bdiet tagħmlu fl-assenza ta' Emmanuele Cassar minn dik il-kamra, u r-responsabilità indiretta tal-konvenut. taħt dan ir-rigward, tiġi limitata għall-fatt li Vinċenza Cassar, tfajla f'dak iż-żmien hi stess ta' xi sittax-il sena, *ma żammitx lil Victoria Coleiro milli titfa il-pasti;*

(h) Illi mill-provi l-oħra kollha ma jirriżultax xejn iżjed li jista' jimmerita konsiderazzjoni in sostenn tat-teżi tal-attur. ħlief dak li ġa ntqal. ċioe il-konsapevolezza tiegħu li t-tifla Victoria Coleiro kienet fil-post mingħajr ma hu qagħad jissorveljaha, u din iċ-ċirkostanza l-oħra li issa sejra tissemma. Victoria Coleiro ma tgħidx li Emmanuele Cassar qabbadha *tħaddem il-makna anzi mill-kompless taż-żewġ* depożizzjonijiet tagħha jirriżulta li, kif tgħid hi stess, meta hija baqgħet weħedha, telgħet fuq kaxxar tal-"kinnie" li kien hemm fejn il-makna (u li evidentement kien jużaha anki Emmanuele Cassar biex ilaħħaq mal-makna) u bdiet tixħet il-pasti tal-lewż. L-uniku addebitu li hija tagħmel lil Emmanuel Cassar f'dan ir-rigward jikkonsisti fil-fatt li in segwitu, meta reġa' daħal fil-kamra tal-makna *biex iġib xi dqiq, huwa kien ra titfa il-pasti fil-makna* u b'dana kollu ma qallhiex biex twarrab, anzi ċċajta magħha billi ġibdilha il-libsa. Din iċ-ċirkostanza hija, fis-sostanza tagħha, miċħuda minn Emmanuele Cassar, li jpoġġi ċ-ċajta tal-ġbid tal-libsa fil-mument anterjuri ta' meta Victoria Coleiro kienet għadha qegħda taqla l-ostji. Għalhekk hemm konflitt ta' provi fuq dan il-punt li dwaru il-Qorti ma tistax tinqeda bix-xhieda iżjed indipendenti ta' Giuseppina Zarb, għax sadattant din laħqet marret ma Vinċenza Cassar iġġib il-kaffe. Għalhekk iċ-ċaħda ta' Emmanuele Cassar ma tantx

hi reċisa. Victoria Coleiro wkoll turi inċertezza taħt aspetti oħra fix-xhieda tagħha, bħal dik li tirrigwarda li ma tafx min kien qiegħed jaħdem fuq il-makna, u għalhekk lanqas ma jista' jiġi eskluż xi żball tagħha konsistenti fl-ispostament tal-ħin meta Emmanuele Cassar iċċajta magħha. Il-Qorti għalhekk tiddeċidi din il-kwistjoni ta' fatt, għal dik li setgħet qatt tiswa, billi tirritjeni li ma ġiex pruvat sodisfaċentement illi Emmanuele Cassar f'xi ħin ra lil Victoria Coleiro titfa il-pasti tal-lewż f'din il-makna, u d'dan is-sens biss il-Qorti taqbel ma dik il-parti tar-relazjoni peritali fejn ġie sottomess li ma jirriżultax b'mod serju li xi ħadd minn ulied il-konvenut akkonsenta għal dak li kienet qegħda tagħmel Victoria Coleiro. Iżda l-istess ma jistax jingħad bħala fatt, apparti mill-aspett tar-responsabilità legali għar-rigward ta' Vinċenza Cassar, u dana minħabba ix-xhieda ta' Giuseppina Zarb li tgħid li Victoria Coleiro kienet bdiet tiħxed il-pasti fil-presenza tagħha u ta' din Vinċenza Cassar u li din ma qaltilha xejn in kuntrarju;

Illi mill-provi analizzati u rikapitolati hawn fuq jirriżulta li l-addebitu kontra il-konvenut jista' jkun u anzi huwa biss (a) li huwa ma ssorveljax adegwatament lil Victoria Coleiro waqt li kienet fil-forn tiegħu la personalment u lanqas permezz taż-żewġ uliedu, u (b) li Vinċenza Cassar, bintu, kienet rat lil Victoria Coleiro tixħet il-pasti fil-makna però ma żammithiex milli tagħmel hekk. Dawn iż-żewġ fatti fit-teżi ta' l-attur jikkostitwixxu negliġenza skond l-art. 1077 Kod. Ċiv. u ksur tal-Factories (Health, Safety and General Welfare) Regulations, 1945 (Notifikazjoni tal-Gvern Nru. 458 tat-tminja u għoxrin (28) ta' Settembru, 1945);

Illi però il-Qorti, mingħajr ma tinkoraġġixxi l-ineffiċjenza u id-dilettantismu li spiss jammontaw għal negliġenza u jistgħu isiru pjaga fis-soċjetà, ma tistax issib f'dan il-każ

l-estremi tal-kolpa;

Illi l-ewwelnett, kwantu għar-responsabilità indiretta li l-konvenut sata' kellu għan-nuqqas ta' sorveljanza da parti ta' wliedu ma ġietx ippruvata kontra tiegħu il-"culpa in eligendo" li sal-lum (art. 1080 Kod. Ċiv.), indipendentement mill-kwistjoni l-oħra tal-allegata infrazjoni tar-regolamenti li tiġi trattata 'il quddiem, hija element essenzjali biex il-konvenut ikun ritenut responsabili għad-danni kaġonati bit-terzi minn uliedu bħala persuni imqabbdin minnu;

Illi anki però kieku, wieħed jassumi li l-konvenut, sew minħabba, r-regolamenti kemm mod ieħor kien responsabbili għall-aġir jew omissjoni ta' wliedu u speċjalment talfatt li Vinċenza Cassar ma pprojbietx lil Victoria Coleiro li tixħet il-pasti tal-lewż fil-makna biex jindaħnu, jibqa' dejjem li l-makna in kwistjoni mhix min-natura tagħha makna li għandha raġonevolment tinduċi, fil-bniedem ta' diliġenza ordinarja prospettat mil-liġi (art. 1074, 1075, 1076 Kod. Ċiv.) prevedibilità tal-perikolu u tal-event dannus li avvera ruħu f'dan il-każ. Il-posizzjoni fejn kienet qegħda il-makna, l-għamla u l-mekkanismu tagħha, li jikkategorizzawha ma "mincer", il-fatt li x-xafra hija koperta u mdawwra minn kull imkien barra mill-bokka ċkejkna tad-dijametru biss ta' żewġ pulzieri u kwart ($2\frac{1}{4}$"), li minnha jinxeħtu il-pasti, u d-distanza ta' ħames pulzieri u nofs ($5\frac{1}{2}$") mill-bokka għax-xafra, irrendew wisq diffiċilment previdibili għaż-żewġ ulied tal-konvenut li jassistuh fix-xogħol, li tifla avolja ta' ħdax il-sena, sejra jfettlilha ddaħħal idha hemm ġew (għal liema motiv huwa rrilevanti) b'dawk il-konsegwenzi li ġraw minflok ma tuża l-injama li kienet qegħda fuq il-makna proprju biex timbotta il-materjal, bħal ma jsir fil-makni ta' l-ikkapuljat użati anki fid-djar. U dak li japplika taħt dan ir-rigward għall-ulied il-

konvenut japplika b'iżjed raġuni fl-ambitu tal-prinċipju li jiggovernaw il-materja ċivilment (u apparti mir-regolamenti) għall-konvenut, li ma kienx jaf x'qegħda tagħmel fil-forn Victoria Coleiro, u ħalliha hemm bħas-solitu, biex wieħed jgħid hekk qisha bintu. Fejn il-grad ta' previdibilità huwa daqshekk remot il-Qorti ma tistax tara fil-konvenut jew f'uliedu nuqqas mid-diliġenza ordinarja mistennija mill-bonus pater familias "In jure causa proxima non remota spectatur" u fdan il-każ inness tal-kawża u effett bejn il-kondotta tal-konvenut u uliedu u id-dannu li sofriet bint l-attur huwa wisq vag u tippredomina disgrazzja li kultant tmiss il-bniedem bix-xorti;

Illi barra minn dana l-attur obbjetta fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu li l-konvenut jista' jiġi dikjarat responsabili għad-danni taħt ir-regolamenti fuq imsemmija, li i-Qorti sabet li ġew emendati, fil-parti tagħhom li tista' tinteressa il-każ (Regolament Nru. 7) permezz tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 55 tat-tminja u għoxrin (28) ta' Jannar, 1956. Huwa veru li l-forn jidħol fid-definizzjoni ta' "factory" tal-Factories Ordinance (Kap. 169) u li skond l-art. 6 ta' dik l-Ordinanza il-proprjetarju ta' fabbrika huwa responsabili għall-osservanza tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza u tar-regolamenti magħmulin taħtha. Imma in kwantu dak il-ksur ta' dover impost mir-regolamenti jista' joħloq presunzjoni ta' responsabilità kontra il-konvenut (art. 1076 Kod. Ċiv.) l-oneru tal-provi tiegħu huwa dejjem akkariku tad-danneġġjat;

Illi l-attur jinvoka r-regolament Nru. 7 u preċiżament il-paragrafu (j) tiegħu li jiddisponi li l-ebda persuna (u naturalment wisq anqas persuna ta' età tenera) ma għandha titħalla taħdem fuq makna mingħajr sorveljanza adegwata u mingħajr ma tkun ġiet istruwita fuq il-perikolu inerenti għall-makna li tkun qed taħdem fuqha. Iżda l-ap-

plikazzjoni ta' dan ir-regolament hija testwalment limitata "to any machine to which this regulation applies" u l-Qorti ma tista' bl-ebda mod issib kif anki jekk wieħed iħares lejn il-każ bl-akbar simpatija lejn iċ-ċirkostanzi sfortunati tiegħu, ir-regolament Nru. 7, sew meħud komplessivament kemm fis-singoli disposizzjonijiet tiegħu, jista' japplika għal, jew ikollu xjaqsam ma, ordenji jew apparati bħal "mincer" in kwistjoni. Ċertament il-paragrafu (j) ma jistax japplika għall-makni kollha indistintivament għax kieku ma kienetx tintuża fih il-frasi "to which this regulation applies", u billi ma hemm l-ebda lista jew skeda, kif ħafna drabi hija teknika tad-"draftsman", meta tiġi wżata dik il-frasi limitativa, bil-fors titnissel il-konsegwenza li l-makni li għalihom japplika dak il-paragrafu (j) għandhom joħorġu "ex visceris" tad-dispożizjonijiet preċedenti li mkien ma jirriferixxu għall-makni żgħar u li mhumiex min-natura u mill-mod ta' operazzjoni tagħhom perikolużi, anzi huma normalment, apparti minn xi disgrazzja mprevedibili, ta' l-aqwa sempliċità u sigurezza, bħal dik in kwistjoni. Il-kontest kollu tar-regolament Nru. 7 jindika li qed jittratta fuq "machinery" fis-sens ta' mpjant li għandu "flywheels", "prime movers", "belting" (ċineg) ġeneraturi 'et similia' u f'dan is-sens hija limitata il-kelma "machine" fil-paragrafu (j) tiegħu. Konsegwentement il-Qorti ma ssib xejn ċensurabbili taħt dan ir-rigward kontra il-konvenut, li, milli jidher lanqas ma ġie mħarrek għal xi kontravenzjoni tar-regolamenti mill-awtoritajiet kompetenti.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine u il-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata u l-kawża tiġi rimessa quddiem l-ewwel Qorti ħalli dina tgħaddi għall-eżami u definizzjoni tat-tieni u tat-tielet domanda kontenuti fiċ-ċitazzjoni, salv kwalunkwe provvediment ieħor opportun, bl-ispejjeż kontra il-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u legali u għalhekk timmerita konferma blispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u ikkunsidrat:—

Biex ikollha quddiema kwadru aktar ċar tal-lokal u tal-makna in kwistjoni, il-Qorti żammet aċċess fuq il-post fit-tletin (30) ta' Marzu, 1964. Wara li għamlet dan u eżaminat il-provi bir-reqqa u ħasbet sewwa fuq il-każ il-Qorti ma ssibx raġuni biex ma taqbelx mal-konklużżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti.

Dwar il-fatti ma jidher li hemm xejn verament utili x'jiżdied ma' l-analisi dettaljata u ċara tagħhom magħmula fis-sentenza appellata.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa illi peress illi d-disgrazzja ġrat f'post fejn kien hemm makkinarju u il-persuna li sofriet id-dannu kienet persuna ta' eta tenera, il-presunzjoni hija illi l-appellat hu responsabbli bħala il-persuna li jiġġestixxi l-lokal tant għaliex hu ippermetta il-prezenza tat-tifla hemmhekk kemm għaliex ippermettilha anki taċitament li taħdem fuq il-makna mingħajr sorveljanza adegwata u mingħajr ma wissiegħa dwar il-perikolu li jista jkun hemm minn dik il-makna.

Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment kien ikun floku għal kollox, kieku d-disgrazzja ġrat minħabba xi makkinarju jew xi ħaġa oħra minnhom infushom perikoluzi li, bil-grad ta' prudenza u previggenza ordinarja, wieħed sata u kien imissu jipprevedi li setgħu jikkaġunaw ħsara. Ċertament il-Qorti tapprezza dak li ġie ukoll rilevat fil-petizzjoni ta' l-appell illi id-diliġenza jew prudenza ordinarja mhix ħaġa

dejjem kostanti fl-entita imma tiddependi miċ-ċirkustanzi, u, trattandosi ta' tfal żgħar, minħabba l-immaturita u irresponsabbilita tagħhom u il-kurżita naturali u it-tendenza li jesperimentaw wieħed għandu jipprospetta illi jagħmlu ħwejjeġ ta' perikolu li persuni aktar maturi u adulti ma jagħmlux. Iżda il-Qorti wara speċjalment li rat il-makna b'għajnejha kif ġa ntqal, ma jidhriliex illi, anki meta wieħed iżomm quddiem għajnejħ iċ-ċirkustanzi kollha, l-appellat bħala persuna raġonevoli sata u messu ippreveda li dik il-makna tikkaġuna disgrazzi. Il-prevedibilita trid tkun ta' probabilitajiet raġonevoli mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili u il-Qorti jidhrilha illi bl-ezerċizzju ta' prudenza u diliġenza ordinarja l-appellant ma setax jipprevedi illi, anki tifla ta' disa (9) jew għaxar (10) snin — li mill-provi donnha tidher li kienet tifla aktarx kwieta u bil-għaqal u ta' min javdaha — tisforza jew timbotta idha ġot-toqba fonda u dejqa ta' dik il-makna żgħira u tweġġha. Molto piu illi proprju fuq il-platt tal-makna, fejn jitqiegħdu il-biskuttini li jkunu jridu jindaħnu, kien hemm il-għuda magħmula apposta biex jekk ikun hemm bżonn, il-biskuttini jiġu mbuttati u ippressati ġot-toqba, u din il-għuda li tidher minnufih għallfejn isservi anki għal tifla ta' dik l-eta kienet dak il-ħin f'posta u l-istess Victoria Coleiro rata u kienet taf biha. Infatti hi xehdet: **"L-injama li sservi biex timbotta il-biskuttini kienet fuq il-makna . . . Kont** naf li l-injama li qegħdin juruni il-periti isservi biex tnizzel il-pasti."

Dan vuoldiri illi almenu in kwantu l-azzjoni ta' l-appellant hija ibbazata fuq il-prinċipju ġenerali tal-kolpa kwazi-delittusa u il-Kodiċi Ċivili **konsistenti fi traskuraġni u imprudenza** anki kieku ġie soddisfaċentement pruvat illi l-appellat, personalment jew permezz ta' uliedu li jaħdmu miegħu u sata kien responsabbli għalihom, ra lil Victoria Coleiro titfa il-pasti fil-makna, hu ma kellux raġuni biex

jaħseb. jekk juza id-diliġenza u il-prudenza ordinarja meħtieġa fiċ-ċirkustanzi, li sata kien hemm perikolu.

Pero, kif osservat l-ewwel Onorabbli Qorti, anqas dik il-prova ma jista jingħad li tirriżulta soddisfaċentement, almenu rigward l-appellat in-nifsu u ibnu Emmanuele Cassar. U anqas jista jingħad, fil-fehma tal-Qorti, illi l-appellat kien inkariga lill-uliedu Emmanuele u Vincenza Cassar biex jissorvel]jaw it-tifla minfloku, imqar taċitament għaliex il-verita hi kif taraha il-Qorti, illi l-appellat ma setax, jew insomma ma kienx legalment mistenni, fiċ-ċirkustanzi, attiza x-xorta tal-makna, jissoponi li kien hemm probabilita raġonevoli ta' riskju u kwindi neċessita ta' sorveljanza.

Imma l-appellant jibbaża il-kolpa ta' l-appellat, kif jingħad anki fiċ-ċitazzjoni fuq "in-non-osservanza tar-regolamenti." Fil-kors tal-kawza ġie spjegat, u jinsab reiterat fil-petizzjoni ta' l-appelli illi r-regolamenti li l-appellat hu allegat li naqas li josserva kienu dawk pubblikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 458 tat-tminja u għoxrin (28) ta' April 1945 kif sussegwentement emendati, msejha The Factories (Health, Safety and General Welfare) Regulations, 1945. Forsi għandu jiġi rilevat illi l-allegata inosservanza ta' dawn ir-regolamenti m'hix invokata mill-appellant bħala titolu separat ta' ħtija, indipendenti mill-kolpa kważi-dellittusa kontemplata fil-Kodiċi Ċivili, iżda hija dak l-istess titolu ta' kolpa rigwardata f'aspett ieħor tagħha. Fil-Kodiċi Kriminali, rigward l-omiċidji u l-offiżi fuq il-persuna involontarji u rigward id-danni involontarji, il-kolpa hi espressament magħmula tikkonsisti, oltre fl-imprudenza u it-traskuraġni, anki fin-nuqqas ta' ħila f'arti jew professjoni u fl-inosservanza tar-regolamenti (art. 239 u 342): Fil-Kodiċi Ċivili, inveċe, l-artikoli 1075 u 1076

ma jsemmiex espressament, man-negligenza, l-imprudenza u n-nuqqas ta' attenzjoni l-"inosservanza tar-regolamenti." B'dana kollu jidher ċar illi l-inosservanza tar-regolamenti tista tkun waħda mill-ispeċji ta' kolpa designata bil-kliem l-ieħor ta' dawk id-disposizzjonijiet li jikkontemplaw **kull att jew omissjoni li jikkostitwixxu ksur ta' dmir impost mil-liġi** (art. 1075). Anzi, għar-rigward da' din il-forma ta' kolpa, ċioe meta tikkonsisti fi ksur jew inosservanza tal-liġi, jista jingħad illi l-indaġni tal-prevedibilita tal-ħsara, soġġettiva għall-aġent, tista tidher irrilevanti; jew piuttost għandu jingħad aktar eżattament illi l-inutilita tar-riċerka tidderiva mill-kunsiderazzjoni illi il-prevedibilita hi ġia minnha n-nifisha nsita fil-fatt, b'mod tali illi il-liġi setgħat tassumhi a bażi ta' preskrizzjonijiet ġenerali u divjati ġenerali. Dan, pero, ma jneħiex illi fil-każ — anki jekk eċċezzjonali — illi il-ħsara li tkun ġrat wara inosservanza tar-regolamenti tkun imprevedibili, il-kolpa bħala bażi ta' azzjoni għad-danni tista tiġi eskluża.

Issa r-regolament li l-appellant jgħid illi l-appellat kiser jew naqas li josserva hu r-regolament numru 7(j) ta' l-imsemmija regolamenti li jiddisponi illi:

> "No person shall work at any machine to which this regulation applies, unless in the opinion of the Director of Labour and Social Welfare, he or she has been fully instructed as to the dangers arising in connection with the machine and the precautions to be observed, and —
>
> (i) has received a sufficient training in work at the machine, or
>
> (ii) is under adequate supervision by a person who has a thorough knowledge and experience of the machine.

L-ewwel Onorabbli Qorti irriteniet illi il-kliem "machine to which this regulation applies," sew jekk wieħed iħares lejn ir-regolament komplessivament kemm jekk iħares lejh fis-singoli disposizzjonijiet tiegħu, ma japplikax u ma jistax ikollu x'jaqsam ma ordenji jew apparati bħal 'mincer' in kwistjoni. Dik l-Onorabbli Qorti irraġunat illi "Il-paragrafu (j) ma jistax japplika għall-makni kollha indistintament għax kieku ma kienetx tintuża dik il-frasi "to which this regulation applies," u billi ma hemm [illegible] [illegible] jew skala, kif ħafna drabi hija teknika ta' dra[illegible] meta tiġi użata dik il-frażi limitativa, bil-fors titnessel il-konsegwenza illi il-makni li għalihom japplika dak l-paragrafu (j) għandhom joħorġu 'ex visceribus' tad-disposizzjonijiet preċedenti li mkien ma jirriferixxu għall-makni żgħar u li m'humiex min-natura u mill-mod ta' operazzjoni tagħhom perikoluzi, anzi huma normalment, apparti minn xi disgrazzja imprevedibbli, ta l-aqwa sempliċita u sikurezza, bħal dik in kwistjoni. Il-kontest kollu tar-regolament Nru. 7 jindika li qed jittratta fuq "machinery" fis-sens ta' impjant li għandu "flywheels", "prime movers" "belting" (ċineg), ġeneraturi 'et semilia' u f'dan is-sens hijh limitata il-kelma 'machine' fil-paragrafu (j) tiegħu."

Il-Qorti tapprezza il-forza ta' dan ir-raġonament rigward il-makna issa in kwistjoni iżda tħoss li ma tistax tagħlaq għajnejha għall-perikolu tiegħu minħabba il-mod kif hi formulata l-aħħar parti tiegħu hawn fuq sottolineata mill-Qorti. Ċertament ir-regolament, fil-wording komplessiv tiegħu, mhux ċar, iżda bil-mod kif fissret ruħha l-ewwel Onorabbli Qorti, donnha ġiet introdotta limitazzjoni generali fl-applikabilita tiegħu li din il-Qorti ma jidhriliex li hi ġustifikata minn dak li jgħid u li tista tintakka b'mod estiz il-protezzjoni li kien l-iskop tar-regolamenti li tingħata

*rigward makkinarji ġo fabbriki kif definiti fl-Ordinanza.* Fil-fehma tal-Qorti il-makkinarju li għalih japplika l-artikolu 7 huwa mingħajr ebda, distinzzjoni, **il-makni kollha li huma użati ġo fabbrika u għall-finijiet tagħha.** Hu veru illi dak ir-regolament jittratta, **in gran parti,** fuq "machinery" fis-sens ta' impjant li għandu "fly-wheels," "prime movers", "belting," ġenerators 'et similia': iżda dan hu veru **biss** relativament għas-subparagrafu (a) sal-(f) tiegħu. *Dwar dan it-tip ta makkinarji ir-regolament jittratta* dettaljatament, evidentement għaliex hu rigward tiegħu l-aktar li hemm perikolu. **Pero mbagħad hemm is-subparagrafu (g) li** jittratta fuq **kull makkinarju ieħor** li m'hux "prime movers and transmission machinery" u jgħid kif dan il-makkinarju l-ieħor għandu jkun protett. Evidentement jista ġo fabbrika jkun hemm makni li għad li ma humiex "prime movers" jew "generators" jew ma għandhomx "fly-wheels" jew "belting", jistgħu b'dana kollu jkunu perikolużi jekk ma jkunux "fenced" jew ma jkunux f'posizzjoni jew kostruwiti b'mod illi jkunu 'safe' għall-min jaħdem fuqhom daqs kemm kieku kienu 'fenced'. Il-Qorti jidhrilha illi meta fis-subparagrafu (j) issir referenza għal makni "to which this regulation applies," dik ir-riferenza hi għad-disposizzjonijiet kollha preċedenti ta' l-istess paragrafu u ma tistax tiġi limitata biss għas-subparagrafi tiegħu sa l-(f), imma għandha tikkomprendi ukoll is-subparagrafu (g) li *jirriferixxi kif ntqal, għal kull* makkinarju ieħor oltre dak imsemmi qabel u naturalment. użat jew mħaddem ġo fabbrika.

Issa il-makna in-kwistjoni li il-Qorti rat, hi makna li taħdem bl-elettriku. Għad illi issejħet 'mincer' u din li il-**funzjoni** tagħha iżda hi mhix xi attrezz żgħir bħal dawk li wieħed isib fil-kċejjen fid-djar privati. Hi makna **ta' fabbrika** *kif din il-kelma* li definita cice fis-sens li tikkomprendi dolċerija għan-negozju. Jekk mhix perikoluza —

kif il-Qorti ġa qalet li per se m'hijix — dan mhux għaliex ma hix "prima mover" jew "generator" jew ma għandiex "belting", iżda għaliex fit-termini ta' s-subparagrafu (g) il-parti perikoluża tagħha hi kostruwita b'mod li, fiċ-ċirkostanzi kollha ordinarji u prevedibbli, jagħmilha 'safe' għal kull persuna impjegata jew li taħdem fil-post daqs kieku dik il-parti kienet 'securely fenced'.

Għalhekk, anki kieku sata jingħad skond il-provi illi it-tifla ħadmet fuq dik il-makna u għamlet dan għas-saputa diretta jew indiretta ta' l-appellat, kien ikun hemm ċertament kontravvenzjoni teknika għar-regolamenti, iżda b'daqshekk mhux neċessarjament ukoll responsabbilita għad-danni ċivili minħabba id-disgrazzja li t-tifla sofriet. Kif ġa ntqal il-perikolu minn din il-makna kien talment remot u improbabbli anki fiċ-ċirkostanzi, illi l-appellat ma kienx legalment ċioe raġonevolment mistenni li jipprevedih u għalhekk ma jistax għal dan il-fini tar-responsabbilita ċivili jitqies li kien in kolpa.

Għal dawn il-motivi u dawk ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, sa fejn ma humiex inkompatibbli, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iżda l-ispejjeż anki ta' l-appell jibqgħu bla taxxa: biss ir-reġistru jħallashom l-appellant.